*Kitba ta'*
**Charles Galea Scannura**

# Il-Kurunazzjoni ta' l-1905

Qed joqrob iċ-ċentinarju tal-Kurunazzjoni ta' l-immaġni ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-kor tal-parroċċa kolleġġjata ta' Bormla. Dan iġib miegħu ħafna tifkiriet. Kienet drawwa antika li kwadri bl-immaġni tal-Madonna u l-Bambin kienu jiġu mżejna bil-kuruni. Iżda jingħad li l-ħsieb li l-kurunazzjoni ssir b'rit pubbliku kien ta' Patri Girolamo dei Marchesi Paulucci di Forlì li miet fid-19 ta' Marzu 1620.

Ta' min ifakkar li l-parroċċa ta' Bormla kienet mill-bidu tagħha taħt il-patroċinju ta' Santa Marija Kunċizzjoni tas-Sokkors. Il-kwadru titulari qadim, imsemmi f'bosta rapporti ta' viżti pastorali tas-Seklu Sbatax, li f'parti minnu kien hemm impittra fuq it-tila l-Kunċizzjoni b'San Pawl fuq ix-xellug u San Pietru fuq il-lemin 'l isfel minnha, u f'parti oħra, minhabba li kien fih diversi tavlozzi juru l-hajja ta' Kristu, kien hemm ukoll il-Madonna bil-Bambin. Dawn, kif innutat f'diversi viżti pastorali fosthom ta' l-isqfijiet Balaguer u Cocco Palmieri, kellhom il-kuruni (*coronae ex laminis argentis*). Dan il-kwadru postu ħadu dak attribwit lil Karlu Gimach. Il-kwadru li hemm illum, imnebbaħ minn Dun Ludovik Mifsud Tommasi u mpitter minn Pietru Pawl Caruana ħa post dan u tqiegħed fil-kor fid-19 ta' Novembru 1850.

## Il-Wegħda

Ix-xewqa li l-Madonna mpittra minn Pietru Pawl Caruana f'dan il-kwadru tiġi inkurunata f'ċerimonja solenni kienet ilha tinħass f'Bormla. Wara li l-Papa Piju VII ħareġ id-digriet biex il-parroċċa ta' Bormla ssir kolleġġjata f'Lulju 1822, kienu nqalgħu xi problemi u diffikultajiet. Jingħad li fit-18 ta' Settembru 1838 il-Kapitlu *għarkubbtejhom quddiem ix-xbiha ta' Marija Immakulata, b'ħerqa liema bħala, wiegħdu lill-Madonna li jinkurunawha solennement kemm-il darba toħrogħom rebbieħa f'din it-taqbida.* (Anon. [Kan. Ġużepp Cassar], Żvilupp ta' Qima, 1949) Saru festi kbar meta fl-1854 tħabbret id-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, *Ineffabilis Deus*, mill-Papa Piju IX, u bil-mod beda jsir ħafna xogħol biex il-knisja ta' Bormla tkun tassew imżejna kif jixraq. Ferħu meta l-Papa Ljun XIII, ftit ġimgħat qabel ma miet, ippubblika Ittra Appostolika li biha ħabbar iċ-ċinkwantenarju tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u aktar tard f'Novembru 1904 l-Arċisqof Pietru Pace kien ħareġ ittra pastorali biex iħabbar dan fid-djoċesi Maltija.

Delegazzjoni magħmula mill-Arċipriet, il-Kan. Ġwann Cauchi, u l-Kurat, il-Kan. Ġużeppi Azzopardi talbu lill-Arċisqof Pace sabiex l-awtoritajiet tal-Vatikan japprovaw



*Il-kxif ta' l-istatwa fit-18 ta' Ġunju 1905.*

l-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari ta' Bormla. Twaqqaf kumitat biex jibda jieħu ħsieb it-tħejjijiet meħtieġa. Dan kien magħmul minn Mons. Salvatore Grech, Vigarju Ġenerali bħala President Onorarju, President il-Maġistrat Avv. Lorenzo Ellul, Segretarju t-Tabib Ġann Feliċ Inglott u Kaxxier is-Sur F. Farrugia Demajo. Il-Papa Piju X ħareġ id-digriet tal-kurunazzjoni fl-24 ta' Jannar 1905 u għalhekk bdew isiru t-tħejjijiet meħtiega. Fosthom kienu ppubblikaw stampi tal-kwadru tal-kor fuq it-tila.

## L-Istatwa

Marbuta ma' l-okkażjoni kien hemm ħafna preparamenti ta' dekorazzjonijiet u xogħlijiet artistiċi, b'mod partikolari minn idejn l-iskultur Bormliż Abram Gatt. Kienu jinkludu ventartali tal-fidda u l-istatwa tal-Kunċizzjoni rranġata u miksija bil-fidda mid-ditta Antonio Ghezzi e Figli ta' Milan fuq id-disinji ta' Abram Gatt. L-istatwa waslet f'Ġunju 1905 u fit-18 ta' Ġunju 1905 saret iċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni u tberik ta' din l-istatwa. Fil-5.30pm kien sar diskors minn Dr. G.F. Inglott u wara Mons. Salvatore Grech, bħala logutenent ta' l-Arċisqof, bierek l-istatwa quddiem folla nies quddiem il-knisja ta' Santa Margerita. Kien hemm il-Banda San Ġorġ u t-tfal tal-kulleġġ De La Salle tal-Freres, kantaw l-Innu *Si Levi* miktub apposta minn Patri Anastasju Cuschieri O. Carm. Wara saret proċessjoni sal-parroċċa bin-nies bix-xemgħa f'idhom u nghatat il-benedizzjoni fit-tmiem. Jista' jingħad ukoll li din il-funzjoni kienet il-bidu tal-festi tal-kurunazzjoni. Dakinhar fis-7.15pm il-qniepen daqqew għal nofs siegħa biex iħabbru l-bidu tal-festi.

Dak iż-żmien Bormla kienet fl-aqwa tagħha. Il-Kapitlu kien immexxi mill-Arċipriet il-Kan. Giovanni Cauchi u kien jinkludi wkoll lill-Kan. Carmelo Vella, Teżorier, il-Kan. Ġużeppi Azzopardi, Primiċerju u Vigarju Kurat, il-Kan. G. Paolo Falzon, Dekan, il-Kan. Francesco Marmarà, Prepostu, il-Kan. Paolo Caruana, Penitenzier, il-Kan. Antonio Camilleri, Teologu u l-Kanoniċi Teodoro Bonnici, Francesco Aquilina, Lorenzo Vella, Constantino Cilia La Corte, Giuseppe Burlò, Spiridione Penza, Luigi Trapani u Franceso Moretti. Kien tħabbar li l-Kardinal Domenico Ferrata kellu jiġi Bormla bħala delegat *a latere* tal-Papa sabiex jinkuruna l-immaġni tal-Madonna. Deputazzjoni tal-Kapitlu flimkien ma' Dr. G.F. Inglott kienet marret titlob lill-Ammiral Charles Beresford biex jipprovdi bastiment ħalli jġib il-Kardinal Malta. L-Ammiral offra l-vapur HMS Surprise. Il-Kardinal kellu jasal fl-20 ta' Ġunju.

## Il-Bidu tal-Festi

Fis-17 ta' Ġunju, Mons. Salvatore Grech, il-Vigarju Ġenerali, li kien ukoll Bormliż,


*Kard. D. Ferrata*

ħareg ċirkolari fejn ta tifsira ta' l-inkoronazzjoni – *incoronare Maria, significa adorare, onorare, lodare Dio Padre...* – u ħeġġeġ sabiex nhar l-20 ta' Ġunju għal xi l-5.00pm jindaqqu l-qniepen tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, tal-knejjes tal-Belt Valletta, tat-Tlett Ibliet u tal-Kalkara bħala sinjal ta' merħba lill-Kardinal. Ħeġġeġ biex jittellgħu l-bnadar fuq postijiet prominenti u li nhar il-21 tax-xahar il-Kurja kellha tibqa' magħluqa. Għal nhar il-kurunazzjoni ħeġġeġ biex ikun hemm mixgħela tal-knejjes.

Il-wasla tal-Kardinal, akkompanjat mill-Arċisqof Pace, għalhekk kienet mistennija b'ħeġġa kbira. Uffiċjali tal-Kurja u l-Vigarju Ġenerali kellhom imorru jilqgħuhom abbord. Jistennewh jinżel id-Dwana kien hemm delegazzjoni tal-Katidral, tal-Kamra Pontifiċja, il-Kapitlu ta' Bormla u l-Kumitat tal-festi. Il-port kien mimli bid-dgħajjes u ħafna nies inġabru madwar ix-xtut u s-swar. Il-Kardinal niżel fl-4.30pm u ġie milqugħ bl-unuri pontifiċji u applawsi mill-folla li nġabret. Il-Banda San Ġorġ laqgħetu fid-Dwana, liebsa l-uniformi tas-sajf. Skond il-programm, il-Kardinal daħal fl-ewwel karozza akkompanjat mill-Arċisqof u kien preċedut mill-pulizija u kavallerija u warajh imxew karozzi oħrajn iwasslu diversi dinjitarji fosthom il-Monsinjuri Gaffiero, Caruana Dingli, Farrugia u l-Komm. Dott. S. Bezzina.

Il-karozza tal-Kardinal telqet lejn il-Palazz ta' l-Arċisqof. Għaddiet mix-Xatt tal-Marsa, għaddiet mill-Floriana via Sarria sal-Belt u waslet il-Palazz xi s-6.15pm fejn il-Kardinal kien milqugħ minn diversi deputazzjonijiet tal-kolleġġjati, ordnijiet reliġjużi u rappreżentanza tal-kappillani. L-għada beda jirċievi diversi deputazzjonijiet fosthom mill-Kamra tal-Kummerċ u ta' l-Avukati. Min-naħa tiegħu l-Kardinal mar iżur lid-Deputat Gvernatur u l-Ġeneral Barron fil-Palazz. L-għada filgħodu mar Bormla biex iqarben u jagħti benedizzjoni appostolika. Sadanittant il-Kan. Falzon, bħala segretarju, kien ippubblika l-programm tal-festi mid-19 sad-29 ta' Ġunju.

It-Tnejn 19 ta' Ġunju fis-7.15pm beda daqq tal-qniepen li dam sejjer xi nofs siegħa biex iħabbar il-bidu tal-festi li kellhom jibdew bi Tridu ta' preparazzjoni għall-kurunazzjoni. It-Tlieta 20 tax-xahar, fil-5.00am saret quddiesa bl-akkompanjament ta' l-orgni mill-Kan. Francesco Briffa, Arċipriet ta' l-Isla. Fis-6.00am bdiet oħra kantata mill-Arċipriet Dr. Giovanni Cauchi u filgħaxija kien hemm vespri, kumpieta u rużarju u diskors minn Dun Alfonzo M. Gauci, Kappillan tal-Gudja. Wara kien hemm il-koronċina ta' l-Immakulata alternata b'kant u mużika, il-kant ta' l-Ave Maris Stella, is-Salve, Litanija, Antifona u l-Benedizzjoni. L-għada l-ewwel quddiesa qaddisha Mro. Rev. Paolo Gauci u l-kantata qaddes il-Kan. Teżorier Carmelo Vella. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Dun Ġużepp Busuttil, Kappillan ta' Marsaxlokk. Il-Ħamis kien jum Corpus Domini. L-għada l-Ġimgħa 23 tax-xahar kien l-aħħar jum tat-Tridu bl-ewwel quddiesa mill-Kan.

Francesco Marmarà waqt li l-Kan. Francesco Aquilina qaddes il-kantata. Id-diskors *dopopranzo* sar minn Dun Karm. Bugelli, Kappillan ta' San Ġiljan.

Is-Sibt 24 tax-xahar, lejlet il-kurunazzjoni tkomplew il-funzjonijiet liturġiċi fil-knisja. Fil-5.00am bdiet quddiesa u fervorin u tqarbin. Mexxa r-Rev. Mro. Spiridione Vassallo O. Carm. Il-Kan. Lorenzo Vella mexxa l-kantata waqt li fil-5.00pm kien hemm ukoll il-vespri, il-kumpieta, ir-rużarju u diskors minn Dun Antonio Vella, Kappillan ta' Ħal Luqa.

## Il-Kurunazzjoni

Il-Ħadd 25 ta' Ġunju 1905 kien il-jum tal-kurunazzjoni. Il-programm beda b'quddiesa fil-5.30am minn Mons. Salvatore Grech, il-Vigarju Ġenerali. Fit-8.30am kellu jsir it-tberik tal-kuruna u wara quddiesa ta' l-Immakulata u mbagħad il-kurunazzjoni mill-Kardinal delegat tal-Papa. Fl-4.30pm sar diskors bil-Malti minn Dun Anton Vella, Kappillan ta' Ħal Lija.

Dakinhar il-Kardinal saritlu manifestazzjoni kbira. Kien hemm takkompanjah il-kavallerija tal-pulizija. F'Għajn Dwieli laqgħetu l-Banda San Ġorġ u ġie akkumpanjat minn folla kbira sal-knisja ta' Santa Tereża fejn laqgħuh il-kumitat tal-festi u oħrajn. Minn hemm kellu jitlaq għall-parroċċa fi proċessjoni biex jagħmel il-funzjoni tal-kurunazzjoni. Id-daħla tiegħu f'Bormla kienet trijonfali: kien akkumpanjat mill-Arċisqof Pace, Mons. Camilleri Isqof ta' Għawdex u Mons. Gaffiero Isqof Titulari ta' Silimbria. Kien hemm jakkompanja wkoll il-Viċi-Ammiral Bromely. Wasal il-knisja xi t-8.15am. Ċerimonier għall-okkażjoni kien Mons. Luigi M. DeBono, prelat domestiku u ċerimonier djoċesan. Il-Mons. Kan. Giovanni Buhagiar, Kanċillier, qara l-att tal-kurunazzjoni fil-preżenza ta' l-Imħallef Dr. Paolo DeBono u n-Nobbli Baruni De Piro Gourgion u l-Avv. Ellul president tal-kumitat u t-Tabib Inglott segretarju, xhieda. F'isem il-Kapitlu kien hemm l-Arċipriet il-Kan. Giovanni Cauchi u t-Teżorier il-Kan. Carmelo Vella.



*L-Inkurunazzjoni ta' l-Immakulata ġol-Belt ta' Bormla mill-Kard. D. Ferrata – 25/06/1905*

Wara l-qari ta' l-att bdiet il-quddiesa akkompanjata bil-mużika taħt it-treġija ta' Mro. Riccardo Bugeja. Qabel il-kurunazzjoni l-Kardinal ta l-benedizzjoni pontifikali u għamel kelmtejn ta' tifħir u glorja lil Marija. Fl-10.15am bdiet iċ-ċerimonja tant mistennija tal-kurunazzjoni. Il-Kardinal mar fil-kor u tela' taraġ irranġat apposta u qiegħed il-kuruna fuq ras il-Madonna fost applaws kbir, daqq ta' qniepen u sparar ta'

murtaletti. Wara mar fuq it-tron u intona t-*Te Deum*. Il-kuruna kienet ghamlitha d-Ditta Francesco Meli ta' Strada Rjali tal-Belt. (*Malta Tagħna*, 24 ta' Ġunju 1905) Iċ-ċerimonja ntemmet xi l-11.00am u wara dan il-Kardinal ħareġ biex jitlaq lejn il-Palazz ta' l-Isqof u saritlu dimostrazzjoni oħra. Fiċ-ċerimonja, barra l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, assistew monsinjuri bil-mitra u oħrajn. Il-Viċi-Ammiral Bromely assista ċ-ċerimonja kollha.

Is-saċerdot Albanese, f'isem il-kumitat tal-festa kien ħa ħsieb jibgħat telegramm lill-Papa jitlob il-benedizzjoni tiegħu waqt li jfakkar li l-kurunazzjoni kienet saret fl-10.15am.

Tifkira ta' l-okkażjoni l-Kardinal halla kallotta fil-każin tal-banda. Il-Kardinal gab rigal tal-Papa li ppreżentah lill-Kapitlu. Kien kalċi tad-deheb żekkin mżejjen bid-djamanti. Fit-28 ta' Ġunju filgħodu l-Kardinal iltaqa' mal-Kapitlu ta' Bormla u saru diskorsi ta' l-okkażjoni. Il-Kapitlu tah kalċi tad-deheb u żewġ ampollini tal-fidda maħdumin fil-filugranu. Dakinhar iltaqa' wkoll mal-kumitat tal-festa meta l-Avv. Ellul għamel diskors ieħor u ppreżentaw kartiera tal-fidda lill-Kardinal.



*Il-kalċi tal-Papa Piju X li bagħat lill-Kapitlu ta' Bormla.*

Sadanittant ta' min ifakkar li l-Kardinal Ferrata kellu programm mimli waqt li kien Malta u wara l-kurunazzjoni f'Bormla komplew il-festi bi Tridu ta' Ringrazzjament, it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgha 26, 27, u 28 ta' Ġunju. Kienu jinkludu quddiesa, fervorin u tqarbin fil-5.00am, oħra kantata fis-6.00am, fit-8.30am quddiesa bl-espożizzjoni tas-Santissmu Sagrament, Rużarju, Salve Regina u Litanie Laurentane bil-kant tat-tfal u t-talba ta' l-Immakulata tal-Papa Piju X. Quddies ieħor kellu jsir fid-9.15am u l-10.00am. L-ewwel quddisiet saru minn Dun Ġwakkin Grech, Arċipriet tal-Birgu, Mons. Ignazio Panzavecchia u Mons. Prof. Luigi Farrugia waqt i l-kantati kienu ċelebrati mill-Kan. Giovanni Falzon, il-Kan. Costantino Cilia La Corte u Kan. Penitenzier Paolo Caruana rispettivament. Il-predikaturi f'dawn il-ġranet kienu Dun Vinċenza Curmi, Kappillan ta' Ħad-Dingli, Dun Franġisk Mallia, Arċipriet tal-Floriana u Dun Amabile Sisner, Kappillan ta' Ħal Balzan rispettivament. Il-Ħamis 29 tax-xahar fil-5.00am saret quddiesa solenni akkompanjata bl-orkestra. Ċelebrant kien Dun Spiridione Penza waqt li Dun Giovanni Sarreo, Arċipriet tal-Mosta ghamel il-priedka ta' tifħir lill-Madonna. Il-mużika tat-Tridu u ċerimonji oħra kienet diretta mis-Sur Benedetto Perez waqt li dik tal-kurunazzjoni minn Mro. Riccardo Bugeja.

F'dawn il-ġranet ta' festi, it-toroq ta' Bormla kienu mżejnin u daqqew diversi baned barra l-Banda San Ġorġ. Fost l-oħrajn il-banda tal-RMA daqqet fis-Suq il-Qadim u Santa Margerita, il-Banda Beland fi Pjazza Gavino Gulia, il-Banda San Giuseppe tal-Ħamrun fi Pjazza Bonnici u fuq San Pawl, il-Prince of Wales tal-Birgu, il-Banda Pinto ta' Ħal Qormi f'Santa Liena.

## Milqugħ Kullimkien

Il-Kardinal Ferrata kellu l-okkażjoni jara diversi nħawi ta' Malta meta kien hawn. Fil-21 tax-xahar filgħaxija ħaduh dawra mill-Imsida sa Tas-Sliema u San Ġiljan u niżel Għar id-Dud u mar jippassiġġa ftit San Ġiljan. Imbagħad kien mar il-Barrakka ta' Fuq fejn ġie mdawwar minn folla nies. L-għada ltaqa' mal-Ġeneral Kelly u mal-Kurunell

Biancardi waqt li filgħaxija żar xi istituti, mar l-Imdina u wara waqaf San Anton fejn ħalla biljett di vista lill-Gvernatur. L-għada mar Bormla fejn ġie milqugħ bil-kbir għall-inawgurazzjoni tal-festi u tqarbina ġenerali.

Fit-23 tax-xahar ukoll fl-10.30am fil-Palazz ta' l-Isqof kien laqa' l-Kapitlu ta' San Pawl tal-Belt li marru akkompanjati bil-mazza, deputazzjonijiet ta' ordnijiet reliġjużi, fosthom tas-Sorijiet tal-Karità u tal-Piccole Suore. Marru jżuruh ukoll il-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex waqt li ta' Malta kienu marru ġurnata qabel. Fl-4.30pm mar il-Katidral ta' San Ġwann jassisti għall-Vespri waqt li l-għada 24 tax-xahar mar jiċċelebra l-festa ta' San Ġwann fl-istess katidral. Fiż-żjara tiegħu l-Kardinal kien akkompanjat mis-segretarju tiegħu, Dun Antonio Nicola, il-gwardja ta' l-unur il-Kav. Luigi Ambrosini u l-kamrier Sgr. Penna.

Il-Kardinal Ferrata żar ukoll il-Mosta fejn laqgħetu folla kbira wkoll. Il-kelmtejn li għamel lin-nies fissirhom bil-Malti Mons. Salvatore Grech li kien jakkompanjah. Hemm mar jieħu tè għand Dott. Oreste Mifsud Grech u mbagħad reġa' lura lejn il-Palazz ta' l-isqof. Kif kien hawn bierek standard tal-Papa għas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar. Jidher li laqa' diversi nies u deputazzjonijiet anke wara li rritorna lejn il-Palazz ta' l-Isqof wara ċ-ċerimonja tal-kurunazzjoni. Marru jżuruh rappreżentanti ta' l-Onorati, il-Freres, Sodalità dei Preti, u reliġjużi oħra. Żaruh ukoll il-Logutenent Gvernatur, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni (Istruzzjoni Pubblika) u s-Supretendent tal-Pulizija. Il-Kamra Pontifiċja rregalatu ċentru tal-fidda u żewġ kandelabri.

Fis-27 tax-xahar mar iżur l-knejjes ta' Santu Wistin, San Pawl, San Duminku u San Ġwann il-Belt. Mar ukoll l-Università u l-Bibljoteka. Fl-3.45pm il-Kardinal mar ghal ritratt mal-Kamra Pontifiċja u wara ltaqa' ma' l-Imħallfin. Fis-6.00pm mar San Ġiljan fejn qiegħed l-ewwel gebla ta' l-iskola tas-Sacro Cuore u mbagħad filgħaxija attenda għal riċeviment ad unur tiegħu fil-Berġa ta' Aragona. Dan kien organizzat minn Lady Kelly. L-għada filgħaxija kellu jitla' l-katidral ta' l-Imdina għall-Vespri. Hemm assista għall-quddiesa pontifikali għall-festa ta' San Pietru u San Pawl. Meta kien l-Imdina mar ukoll il-Buskett jara l-Wirja Agrarja.

It-tluq tal-Kardinal minn Malta kien sar fl-1 ta' Lulju. Bromely kien offrielu torpediniera biex twasslu Sirakuża fi tliet sigħat. Fil-fatt kien maħsub li jitlaq fil-4.45am fuq l-HMS Ardent li kienet skortata minn HMS Ariel. Bi żjara movimentata sa l-aħħar, kien mar iżur il-Grotta ta' San Pawl u Casa Panzavecchia l-Isla qabel it-tluq. Sadattant f'Bormla l-festi kienu waslu biex jintemmu: il-Ħadd 2 ta' Lulju saret purċissjoni bil-vara akkompanjata bil-kant tas-*Si Levi*.